PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10762 – H&F / IRI)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 223/04)

1. Fl-24 ta' Mejjy 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Hellman & Friedman Capital Partners X, L.P. u l-fondi paralleli tagħha ("H&F", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— NPD Group, L.P., kumpanija tal-portafoll ikkontrollata minn Hellman & Friedman ("NPD", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Information Resources, Inc. ("IRI", l-Istati Uniti tal-Amerka).

H&F takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv indirett ta' IRI permezz ta' ftehim ta' fużjoni ta' IRI ma' NPD.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— H&F: ditta ta' ekwità privata;

— NPD: kumpanija ta' riċerka tas-suq,

— IRI: kumpanija tar-riċerka tas-suq li tipprovdi informazzjoni u analiżi tal-konsumaturi, tax-xerrejja u tas-suq bl-imnut iffokati fuq oġġetti ppakkjati għall-konsumatur.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10762 - H&F / IRI

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË